# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBGĦA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Jum l-Isla.
(4) Mistoqsijiet.
(5) Riżoluzzjonijiet.
(6) Skema ta' Saħħa Kunsillieri u Staff.
(7) Littering Contracts.
(8) I. P. S. L. Agreement.
(9) Quarterly Report (Jan-Mar'05) / Annual Financial Report.
(10) Approvazzjjoni tal-membri fis-Sotto-Kumitati.
(11) Approvazzjoni għal xiri ta' software.
(12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 4 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

4(1).1 Billi l-Minuti tal-Laqgħa Numru 3 kienu mqassma minn qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

4(1).2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem. con. il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 3.

## 4 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ta rendikont tal-ħidma li saret mill-Kunsill mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

### 4 (2).1 Kumpless Sportiv - Cottonera (21/04/05)

Is-Sindku kellhu laqgħa mas-Sur Tony Zahra f'dan il-kumpless, dwar attivita' li ser tiġi organiżżata għat-tfal ta' l-iskejjel primarji.

### 4 (2).2 "Imħabba għall-Qari" (21/04/05)

Saret laqgħa fil-Kunsill għall-ġenituri bi preparazzjoni għal dan il-proġett biex jitkattar il-qari bil-Malti imtella' mill-FES u l-Kunsilli Lokali fil-Kottonera. L-attendenza kienet tajba ħafna.

### 4 (2).3 Restoration Centre (22/04/05)

Il-Kunsillier Reno Chircop informal ill-Kunsill li huwa attenda f'isem il-Kunsill għal-"Launching" ta' dan il-Unit fil-Kalkara. F'din l-attivita' ġew murija x-xogħlijiet imwettqa' minn dan il-Unit.

### 4 (2).4 Globe Group (23/04/05)

Is-Sindku u l-Viċi Sindku kienu mistiedna ta' dan il-grupp finanzjarju għall-ftuħ ta' l-uffiċin l-ġodda tagħhom fil-Fgura.

### 4 (2).5 Laqgħa tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (29/04/05)

Is-Sindku Joseph Casha irrimarka li qed iħoss li l-parteċipazzjoni tiegħu f'dan il-Kumitat qed tkun għal xejn għax qed ikun hemm biex jisma' biss.

Huwa lmenta li huwa ċar li hemm nuqqas ta' fondi bil-konsegwenza li ma' jistgħax isir proġett skond kif qed jitolbu l-Kunsilli tat-Tlett Ibliet.

Huwa esprima l-fatt lid an il-Kumitat ma' jistgħax jibqa' jilqa' talbiet biex isiru proġetti ġodda Meta l-anqas hemm fondi biżżejjed biex ikopru dawk il-proġetti diġa' approvati u għadhom pendenti.

Huwa nġust li jsiru talbiet diretti lill-Ministru u li dawn jiġu aċċettati biex isiru mill-fondi tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-kottonera bil-konsegwenza li dawk il-proġetti diġa' approvati jibqu pendenti minħabba nuqqas ta' fondi.

Kemm huwa u kemm is-Sindku tal-Kalkara ilmentaw bil-qawwi li f'din is-sitwazzjoni ma' kienx hemm lok għalihom li jibqu jattendu u sakemm issir sistema' li kull lokalita' fil-Kottonera tibbenefika b'mod ugwali. Il-Ministru għandhu jiġl nfurmat bis-sitwazzjoni.

4 (2).6 Triq san Ġużepp (02/05/05)

Uffiċjail flimkien mal-Perit mid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet u Riżorsi żaru Triq San Ġużepp abbażi tat-talba li l-Kunsill kien għamel lid-diviżjoni biex dan ix-xogħol isir minnhom fuq ftehim apposta. Infatti l-Kunsill kien diġa' approva dan ix-xogħol biex isir minn din id-Diviżjoni. (Kopja mehmuża).

Jidher li l-Perit inkarigat qed isibha diffiċli li jwettaq dan ix-xogħol minħabba li skond kif qal huwa hawn ħafna problemi u jinsab ċert li bin-nies li għandhu mhux ser ilesti fiż-żmien li qed jitlob il-Kunsill.

4 (2).7 Triq il-Vittmi tal-Gwerra

Is-Sindku Joseph Casha reġa' ġibed l-attenzjoni ta' Pada Builders Ltd dwar li l-paviment f'din it-triq kull ma' jmur qed jitlef mill-kulur tiegħu. Pada Builders kienu assigurawħ li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol ser jirranġa din il-bankina. Jidher li sa issa għadu ma' sar xejn. Is-Sindku baqa' jinsisti lid an ix-xogħol isir malajr kemm jista' jkun.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ta' struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv biex l-aħħar pagament ta' Lm 2, 000 ma' joħroġx qabel isir dan ix-xogħol.

## 4 (2).8 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-9 u d-29 ta' April, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0807/05/I* *Qualicities – Konferenza (12 – 15 ta' Mejju, 05)*
*04/0946/05*

Il-Kunsill irċieva aktar tagħrif dwar dak li l-Kunsill irid jipproponi fil-Konferenza li ser issir f'Arles u dwar l-ispejjeż li jridu jsiru minn qabel dwar dan il-proġett. Dawn ser jiġu reimbursed wara.

*04/0879/05/I* *Culture Tracks – Town Twinning ( 7-10 ta' Ottubru, 05)*
*04/0929/05/I*
*04/0997/05/I*

Il-Kunsill irċieva aktar tagħrif dwar dan il-proġett li qed jiġl ippjanat li jittella' minn dan il-Kunsill fl-Isla bil-fondi mill-Unjoni Ewropeja.

*04/0884/05/I* *Talba minn Residenti*

Dwar affarijiet li innota li ġew proposti biex isiru mill-Kunsill – speċjalment fejn il-Maċina, grawnd tal-Ponta u ħdejn ir-Regatta.

*04/0899/05/I* *Kors tad-Drama*

Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Konġunt tal-Kottoenra qed itella' Kors tad-drama. L-avviż qed jiġi mpoġġi fin-Notice Board tal-Kunsill.

*04/0902/05/I* *Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Edwin Vassallo*

Is-Sindki u l-Kunsillieri ġew mistiedna għal din il-laqgħa mtella' mill-Ministeru għall-Kompettitivita' li ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' April, 2005 f' Casa Leoni.

*04/0903/05/I* *Laqgħa ma' l-Ombudsman (28/04/05 fil-5.30pm)*

Is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi ġew mistiedna biex jattendu laqgħa mas-Sur J. Sammut, Ombudsman, biex jiġi mfisser l-operat tiegħu u kif il-Kunsilli jistgħu jaħdmu aktar fil-qrib miegħu.

*04/0909/05/I* *Maritime Services Ltd*

Tony Bezzina (Direttur – Maritime Services Ltd) ikkonferma li lest jagħmel tajjeb għal ħsarat li jistgħu jsiru waqt ix-xogħlijiet li qed jagħmlu fi French Creek.

*04/0915/05/I* *Construction & Maintenance Unit*

Id-Direttur Nicholas grech approva l-proposta tal-Kunsill kif għandu jsir il-ħlas dovut lil dan id-Dipartiment mill-Kunsill Lokali Isla.

*04/0935/05/I* *Tender Documents - LES*

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif dwar it-tender document li l-Kumitat Konġunt LES ħareġ għas-servizz ta' wardens.

*04/0959/05/I* *Yellow Lines*

Saret talba mis-Sur John Inguanez sabiex isiru yellow lines ħdejn il-garage tiegħu fi Triq il-Kurċifiss.

*04/0986/05/I* *Dockyard Terrace – Blocks A, B & C*

Il-Kunsill irċieva r-rejazzjoni mill-Perit Anton Camilleri dwar ir-rapport li l-Kunsill għamel dwar is-sistema tad-drenaġġ li kull darba qed tinsadd.

*04/0992/05/I* *Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ (2 ta' Mejju, 05)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop kellhon jattendu għal din il-laqgħa mtella' mill-Uffiċċjut al-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

*04/0993/05/I* *Parlament taż-Żgħażagħ*
*04/1036/05/I*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jipproponi żgħażagħ biex jieħu sehem f'dan il-parlament. Dan irid isir sat-30 t' Ġunju, 2005.

*04/0994/05/I* *Snack Bar*

Senglea Athletics f. C. talbu biex jorganiżżaw Snack Bar fi Ġnien il-Gardjola nhar is-Sibt 30 ta' April, 2005.

*04/0995/05/I* *Workshop MTA – 6 ta' Mejju, 2005*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal dan il-workshop il-Halland Hotel u biex il-Kunsill jidħol membru għal Lm 30 fis-sena.

*04/1004/05/I* *Jum il-Premjazzjoni (Skola Erin serracino Inglott)*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jieħu sehem f'din il-premjazzjoni (12 ta' Mejju, 2005) għal studenti mill-Isla li qed jattendu din l-iskola.

Il-Kunsill qabel li jagħti ktieb. Ser jattendi l-Kunsillier Reno Chircop.

## 4 (3) Jum l-Isla

Barra xi tibdil żgħir, il-programm għal Jum l-Isla bażikament baqa' l-istess kif ippreżentat fil-laqgħa ta' qabel.

4 (3).1 Kien hemm il-ħsieb li ssir lejla letterarja u bibita' fuq is-Sur ta' San Mikiel. Pero' minħabba t-talba ta' Lm 550 biex dan il-post jiġi mdawwal il-Kunsill qabel li ssir bibita' fis-sala tal-Kunsill u preżentazzjoni ta' ċertifikati lill-eżibituri.

4 (3).2 Għall-wirja ta' crafts li organiżża dan il-Kunsill ipparteċipaw madwar 25 persuna.

4 (3).3 Il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr 8 ta' Mejju, 2005 fis-6.00pm.

## 4 (4) Mistoqsijiet

Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet imressqa, il-Kunsill għadda biex ikompli bix-xogħol ta' l-Aġenda Attwali.

## 4 (5) Riżoluzzjonijiet

Is-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressaq riżoluzzjoni biex il-Kunsill japprova l-ammont ta' mhux aktar minn seba' mitt lira maltin (Lm 700) biex jagħmel Tajjeb għall-attivitajiet imtella' mill-Kunsill f'Jum l-Isla.

4 (5).1 Din ir-riżoluzzjoni ġiet approvata nem. con. mill-Kunsill.

4 (5).2 Kopja tar-Riżoluzzjoni hija annessa.

## 4 (6) Skema ta' Saħħa Kunsillieri u Staff

Din l-iskema hija proposta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Kopja mehmuża).

4 (6).1 Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li din l-iskema ma' tapplikax għalija minħabba li hija diġa' qegħda fi skema oħra u jkun ta' spejjeż żejda lit kun imsieħba f'din ukoll.

4 (6).2 Il-Kunsillier Louis Henwood stqarr li jekk din l-iskema tkopri lil dawk li għandhom il-fuq minn 60 sena allura huwa jaqbel li jissieħeb.

4 (6).3 Wara li l-Kunsill ikkunsidra din il-proposta u ħa nota ta' dak li qalu dawn il-Kunsilliera, il-Kunsill qabel li japprova.

## 4 (7) Littering Contracts

Wara diskussjoni fuq dan il-kuntratt u għalkemm il-Kunsill qed jara ċertu diffikultajiet, il-Kunsill kien unanimu li japprova dan il-kuntratt kif propost.

## 4 (8) I. P. S. L. Agreement

Il-Kunsill iddiskuta fid-dettal dan il-ftehim propost.

4 (8).1 Il-Kunsill qabel li japprova dan il-ftehim bil-proviso li t-taħriġ propost isir lil żewġ impjegati fuq kuntratt li għandu l-Kunsill u mhux fuq ħaddiema ta' l-IPSL Ltd.

4 (8).2 Għandha tintbagħat ittra f'dan ir-rigward (Kopja ta' l-ittra mehmuża).

## 4 (9) Quarterly report (Jan-Mar'05) / Annual Financial Report

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapporti finanzjarji tar-raba' kwart (Jan-Mar'05) u Rapport annwali tas-sena Finanzjarja 2004/2005.

4 (9).1 L-accountant tal-Kunsill fissret u wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kunsillieri dwar dan ir-rapport tar-raba' kwart tas-sena finanzjarja 04 / 05 (Jan-Mar'05) li kien qed jagħlaq bil-bilanċ ta' Lm 249.96ċ u bilanċ kumulattiv ta' Lm 5, 514.19ċ (Kopja mehmuża).

4 (9).2 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva nem con dan ir-rapport finanzjarju.

4 (9).3 Wara tressaq ir-rapport finanzjarju annwali 04 / 05. L-accountant tal-Kunsill fissret dan ir-rapport finanzjarju u wieġbet il-mistoqsijiet tal-Kunsillieri b'sodisfazzjon (Kopji mehmuża).

4 (9).4 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem con dan ir-rapport finanzjarju.

*Nota : 8.00pm Il-Kunsillier Charmaine Gerada ħarġet mil-laqgħa tal-Kunsill minħabba li kellha mpenji oħra.*

## 4 (10) Approvazzjoni tal-Membri fis-Sotto Kumitati

Is-Sindku Joseph Casha ippropona dawn il-membri biex iservu bħala chairpersons fuq diversi Sotto Kumitati li jaqgħu taħtu bħal ma' huma : Edukazzjoni, Ħidma w Inizjattiva Soċjail, Anzjani u Familji, Żgħażagħ u Sport.

Il-Membri proposti huma :

Stephen Perici, Graziella Cassar Gellel, Ramon Mangion u Mario Mizzi.

4 (10).1 Kumitat Kultura u Attivitajiet Kulturali :

Il-Membri proposti huma :

Stephen Perici, Anna Spiteri, Joe Bonello, Pierre Bonello, Renald Ghiller u rappreżentanza ta' 4 NGO's.

## 4 (11) Approvazzjoni għal Xiri ta' Software

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta tabella ta' l-offerti li nġabru biex jinxtara software bażiku (kopji mehmuża).

4 (11).1 Wara li l-Kunsill fela dawn il-proposti, fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondata mill-Kunsillier Reno Chircop, approva x-xiri ta' 2 packs ta' software mingħand il-kumpanija Scan Computers għall- ammont ta' Lm 155.00 kull pakkett.

4 (11).2 *Xiri ta' Xkaffar u Cupboards*

Il-Kunsill approva u awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinxtara xkaffar apposta għal diversi formoli u applikazzjonijiet li l-Kunsill għandu biex iservi liċ-ċittadini. Approva wkoll ix-xiri ta' cupboards.

## 4 (12) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku ssekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti kif ppreżentat għall-ammont totali ta' Lm 2, 887.10ċ (Kopja mehmuża)

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fid-8.45pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv